

Brussell, 5 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

12552/21

COH 52

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 12149/21	
Suġġett:	Rapport mill-Kummissjoni dwar "Reġjuni mal-Fruntieri tal-UE: Laboratorji ħajjin tal-integrazzjoni Ewropea" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (5 ta' Ottubru 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport mill-Kummissjoni dwar "Reġjuni mal-Fruntieri tal-UE: Laboratorji ħajjin tal-integrazzjoni Ewropea", adottati mill-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fit-3814-il laqgħa tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport tal-Kummissjoni dwar "Reġjuni mal-Fruntieri tal-UE: Laboratorji ħajjin tal-integrazzjoni Ewropea"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (1) JILQA' r-rapport dwar "Reġjuni mal-Fruntieri tal-UE: Laboratorji ħajjin tal-integrazzjoni Ewropea";
- (2) JIEĦU NOTA tal-fatt li dan ir-Rapport huwa segwitu tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "Spinta lit-Tkabbir u l-Koeżjoni fir-Reġjuni mal-Fruntieri tal-UE"¹;
- (3) JIRRIKONOXXI li l-pandemija tal-COVID-19 uriet kemm huma interdipendenti l-Istati Membri u r-reġjuni tal-UE u JIRRIKONOXXI li r-reġjuni mal-fruntieri kienu aktar affettwati minnha mill-medja;
- (4) JIKKONDIVIDI l-fehma tal-Kummissjoni li r-reġjuni mal-fruntieri, kemm dawk fuq l-art kif ukoll dawk marittimi, iġibu valur miżjud sinifikanti għall-Unjoni u jistgħu jitqiesu bħala bażi ta' prova għal soluzzjonijiet innovattivi;
- (5) JILQA' l-enfasi tar-Rapport: l-ewwel nett, dwar l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq ir-reġjuni mal-fruntieri tal-UE; it-tieni, dwar ir-rieżami tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet imħabbra fil-pjan ta' azzjoni tal-Komunikazzjoni tal-2017 u, it-tielet, dwar ir-reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-2017 biex tiżdied l-effettività tiegħu u jiġi aġġustat għal realtajiet ġodda;

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew "Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni mal-fruntieri tal-UE" - COM(2017) 534 final, 20.9.2017.

- (6) JILQA' l-kisbiet tal-pjan ta' azzjoni ta' 10 punti tal-2017, b'mod partikolari:
- Il-*b-solutions* stabbiliti mill-Kummissjoni biex tipprovdi appoġġ legali lill-awtoritajiet pubbliċi fir-reġjuni mal-fruntieri, fejn meħtieġ;
 - It-twaqqif tal-"Border Focal Point Network", pjattaforma online għall-iskambju tal-aħjar prattiki;
 - L-iżviluppi li saru fil-kura tas-saħħa transfruntiera, speċjalment f'termini ta' fehim tal-kapaċità tar-reġjuni mal-fruntieri, il-valur miżjud tar-reġjuni mal-fruntieri tal-UE u l-isfidi komuni rikorrenti li jiffaċċjaw;
 - Il-progress li sar fil-bini ta' konnessjonijiet ġodda tat-trasport pubbliku transfruntier;
- (7) JAPPOĠĠA l-proposti tal-Kummissjoni biex il-pjan ta' azzjoni tal-2017 jiġi ffokat mill-ġdid fuq l-erba' raggruppamenti li ġejjin:
- Reżiljenza permezz ta' kooperazzjoni istituzzjonali aktar profonda;
 - Servizzi pubbliċi transfruntieri aħjar u aktar;
 - Swieq tax-xogħol transfruntieri dinamiċi;
 - Reġjuni mal-fruntieri għall-Patt Ekoloġiku Ewropew;
- (8) JINDIKA, b'mod partikolari, li:
- Diġà qed jintużaw soluzzjonijiet innovattivi speċifiċi f'diversi oqsma ta' politika;
 - Diversi għodod multilaterali u bilaterali tal-UE għall-kooperazzjoni transfruntiera diġà huma disponibbli, pereżempju r-Raggruppament Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT);
 - Il-biċċa l-kbira tal-proposti tal-Kummissjoni jistgħu jiġu appoġġati finanzjarjament tul il-fruntieri interni u esterni kollha tal-UE permezz tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' Programmi ta' Kooperazzjoni Interreg, inkluż il-Kooperazzjoni Transfruntiera tal-IPA, u xi wħud minnhom ukoll mill-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera tal-NDICI;
 - L-oġettiv il-ġdid speċifiku għal Interreg dwar *Governanza Aħjar tal-Kooperazzjoni* itejjeb il-potenzjal għal programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera Interreg biex jindirizzaw b'mod attiv ostakli speċifiċi fil-fruntieri;

- (9) JAQBEL mal-fehma li l-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa opportunità oħra biex jittejbu u jiġu ttestjati soluzzjonijiet innovattivi fir-reġjuni mal-fruntieri tal-UE;
- (10) IQIS li l-kooperazzjoni territorjali, fl-oqsma kollha tagħha, għandha rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni Ewropea;
- (11) JENFASIZZA li l-kooperazzjoni territorjali mhijiex ir-responsabbiltà unika tal-programmi Interreg, peress li tista' tibbenefika, fost l-oħrajn, minn impenn politiku fi ħdan l-istrategġiji makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar rilevanti u minn azzjonijiet ta' kooperazzjoni attivati minn programmi ta' koeżjoni ewlenin tar-reġjuni transfruntiera;
- (12) JISTIENEN lill-Kummissjoni biex:
- tkompli tesplora modi biex tingħata spinta lill-potenzjal tar-reġjuni mal-fruntiera tal-UE, kemm dawk fuq l-art kif ukoll dawk marittimi, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri;
 - iżżomm lill-Istati Membri infurmati dwar l-użu u l-implimentazzjoni minn programmi Interreg tal-oġettiv il-ġdid speċifiku għal Interreg dwar *Governanza Aħjar tal-Kooperazzjoni*, b'attenzjoni partikolari għall-kapaċità tal-partijiet ikkonċernati transfruntiera li jibnu kooperazzjoni aktar mill-qrib.
-